# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-19 t'April, 2018.**

**Rikors Numru 808/2017 SM**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

***IT Touch Limited***
**(C 51720)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat is-6 ta' Settembru, 2017, li permezz tiegħu, il-Kummissarju rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi d-Direttiva tal-Kunsill Numru 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu, 2010, hi implimentata u hi suggetta ghall-ligi ta' Malta permezz ta' Ordni specifika tal-2012, senjatament l-Avviz Legali Numru 153 tal-2012;

1.2. Illi permezz tal-istess il-Kummissarju rikorrenti inghata l-poter biex f'kaz ta' talba valida minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja hu jkun jista' jigbor it-taxxa dovuta lil dak l-Istat Membru meta l-persuna li jkollha dak id-dejn tkun tinsab f'Malta;

1.3. Illi *ai termini* tal-istess Ordni u Direttiva talba minn Stat Membru tigi trattata daqslikieku kienet talba dwar dejn civili dovut lill-Gvern ta' Malta u li l-awtorita` kompetenti f'Malta tkun awtorizzata li tigbor;

1.4. Illi s-socjeta` intimata giet indikata mill-awtorita` kompetenti tal-Olanda bhala persuna li ghandha kont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' erba' miljuni, disa' mija u erbgha u erbghin elf, hames mija u tlieta u hamsin euro, (€4,944,553.00), (ara foll 3), flimkien mal-imghaxijiet dovuti skont il-ligi, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5. Illi hu sodisfatt li fir-rigward gew imharsa l-htigijiet kollha tad-Direttiva fuq indikata;

1.6. Illi s-socjeta` intimata hi indikata li ghandha presenza u/jew indirizz f'Malta;

1.7. Illi ghalhekk ghandu d-dritt li jigbor minghand is-socjeta` intimata l-ammont totali fuq indikat f'isem l-awtorita` kompetenti ta' pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja;

1.8. Illi *ai termini* tal-Ordni u tad-Direttiva fuq imsemmija din il-qorti hi moghtija l-poter u l-obbligu li tirregistra d-dokumenti annessi mar-rikors promotur li jikkostitwixxu titolu ezekuttiv, u li tinnotifika lis-socjeta` intimata b'dan l-istess rikors u bid-dokumenti mieghu annessi;

1.9. Illi in vista tal-premess adixxa din il-qorti biex din:

1.9.1. Tordna r-registrazzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur biex b'hekk l-istess dokumenti jikkostitwixxu titolu ezekuttiv;

1.9.2. Tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokumenti mieghu annessi jigu notifikati lis-socjeta` intimata *ai termini* tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

2. Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur;

3. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Settembru, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghad-data u hin hemm indikat, (ara foll 7);

4. Rat in-notifika tas-socjeta` intimata permezz tal-pubblikazzjoni tal-istess fil-gazzetti lokali, (ara foll 19);

5. Semghet lir-rapprezentant tal-Kummissarju rikorrenti jikkonferma t-talbiet tal-istess Kummissarju;

6. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Frar, 2018, li permezz tiehu *ai fini* tal-artiklu 158(10) tal-Kap 12, ikkoncediet lis-socjeta` intimata l-possibilita` li taghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex tiddefendi ruhha sad-data hemm indikata;

7. Illi tirrileva li l-perjodu hekk moghti lis-socjeta` intimata biex tipprezenta s-sottomissjonijiet skritti *de quo* ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-Kummissarju rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu skont l-istess Ordni u Direttiva fuq indikati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Tordna r-registrazzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur biex b'hekk l-istess dokumenti jikkostitwixxu titolu ezekuttiv;

8.2. Tordna li kopja tar-rikors promotur u tad-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur jigu notifikati lis-socjeta` intimata.

8.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta` intimata.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**